MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 531/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Lawrence Theuma**

Kumpilazzjoni Numru: 531/2008

Illum 13 ta’ April 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Lawrence Theuma, ta’ 49 sena, iben John u Concetta nee’ Brincat, imwieled il-Fgura, fid-19 ta’ Ottubru, 1958 u residenti fil-fond numru 107, Blue Spot, Triq il-Fortizza tal-Grazzja,

Xghajra u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 667658M.

Akkuzat talli fid-19 ta' Gunju, 2008 ghal habta ta' 9:30pm waqt li kien fi Triq Hompesh, Fgura, ikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc tal-persuna ta' Godwin Schembri mill-Fgura skond ma ccertifika it-tabib Dr.Jesmond Cassar mic-Centru tas-Sahha, Rahal il-Gdid.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ikkaguna mankament jew sfregju fil-wicc ta' Godwin Schembri mill-Fgura skond ma ccertifika Dr.Jesmond Cassar mic-Centru tas-Sahha, Rahal il-Gdid.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza arma irregolari fuq il-persuna ta' Godwin Schembri mill-Fgura.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-giegh ta' Godwin Schembri, wegghu bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Godwin Schembri u tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 383, 384 u 385 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi guudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht l-artikoli:
a) 214 u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 338(m), 338(r), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 382(A), 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident li sehh fis-19 ta’ Gunju 2008 ghal habta tad-9.30pm hdejn il-Keyhole Bar, Fgura. Dak in-nhar l-parte leza Godwin Schembri kien qed jaqsam minn hdejn l-imsemmi Keyhole Bar meta sema lil xi hadd jaghmel hoss dispregjattiv b’halqu. Hu dar, mar fuq l-imputat u staqsih ghalfejn kien ghamel dak il-hoss; l-imputat innega li ghamel dan il-hoss pero Schembri baqa jinsisti ma’ l-imputat. Meta ra hekk l-imputat qam u lil Schembri tah daqqa f’wiccu; Schembri min-naha tieghu rritalja billi mbotta lill-imputat, waqaw ma’l-art, u bdew jitqabdu f’xulxin. F’din it-taqbieda l-imputat gidem lil Schembri f’geddumu. Lill-imputat u lil Schembri ferrquhom nies li kienu fil-vicinanzi.

Illi ezami tad-depozizzjoni mghotija miz-zewg partijiet juri li dwar il-fatti ma tantx hemm divergenzi hlif ghal minn beda jaghti l-ewwel. Schembri jghid li meta huwa dar u mar biex jaffaccja lill-imputat dan qabad tazza tal-hgieg li kellu f’idejh u teffahha f’wiccu u mbaghad attakka. L-imputat min-naha l-ohra jghid li meta Schembri beda jistaqsi ghalfejn ghamel dak il-hoss b’halqu kien irrabjat u l-imputat haseb li kien ser jimbuttah u ghalhekk hareg idejh biex jiddefendi ruhu, Schembri imbuttah u waqaw it-tnejn ma’l-art u hemm Schembri beda jaghtih b’l-addocc, qadbu minn ghonqu u beda jafsu hafna ma’l-art.

Illi fir-realta ezami tal-provi kollha juri li hemm inezattezzi fiz-zewg verzjonijiet hawn fuq sintetizzati, pero dik mghotija minn Schembri hija aktar verosimili u hija korroborata f’l-aktar partijiet importanti (cioe kif bdiet it-taqbieda) minn zewg xhieda ohra. Alfred Buttigieg (li kien l-aktar xhud kredibbli) jghid li meta Schembri affronta lill-imputat minhabba l-hoss li kien sema’, l-imputat qallu li ma kienx kellmu, u (fi kliem Buttigieg) *dak il-hin Lorry qam u tah daqqa b’idejh…. Id-daqqa tahilu f’wiccu. L-iehor*

(cioe Schembri) *gie irrankat ghalih, inqalbu u waqaw ma'l-art.* Anke ix-xhud Anthony Compagno ta din il-verzjoni ta' fatti; hu rrakkonta li meta Schembri affronta lill-imputat dan qam minn mal-mejda fejn kien bil-qeghda u gholla idejh ma' wicc Schembri.

Illi fattur iehor li jiskredita lill-imputat fil-verzjoni mghotija minnu jirrigwarda dak li hu jghid li Schembri ghamillu meta waqaw ma'l-art u cioe beda jaghtih b'l-addocc, jafsu ma'l-art u jzommu minn ghonqu tant li spicca anke kien ser jintilef minn sensih. Dak li jiskredita lill-imputat mhux biss il-verzjonijiet mghotija mix-xhieda l-ohra imma anke c-certifikati medici esebieti. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kellu xi griehi f'wiccu jew f'ghonqu hlif selha f'geddumu. Il-griehi l-ohra li kellu (griehi ta' natura hafifia) kienu f'daru u f'saqajh; tenut kont tal-fatt li meta waqaw l-imputat gie taht Schembri, tenut kont tal-fatt li ma'l-art kien hemm il-hgieg tat-tazzi u l-flixken li kienu waqaw minn fuq il-mejda, u tenut kont tal-fatt li l-persuni li marru biex iferrquhom u b'mod partikolari Buttigieg beda jigbed lill-imputat minn saqajh huwa aktar versoisimili li l-griehi li soffra l-imputat kienu rizultat tat-tisbieta li ha ma'l-art, u minhabba li huwa tkaxkar minn Buttigieg.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat skond in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali huma zewg delitti:

- griehi gravissimi;
- ingurja;

u diversi kontravennzjonijiet:

- ksur tal-mistrih tan-nies;
- glied fit-toroq;
- ksur tal-paci u buon ordni;
- hebb u ingurja ai termini ta'l-artikolu 339(1)(d)(e).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-girehi sofferti minn Schembri jaqaw taht id-definizzjoni ta' dak predispost f'l-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija sodisfatta ukoll li dawn il-griehi gew kawzati mill-imputat f'glieda provokata minnu stante li kien hu li mill-ewwel irrikorra ghall-vjolenza fízika. Illi ghalhekk

l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata. Komprieza u involuta f'din l-imputazzjoni hemm l-imputazzjoni tal-hebb taht l-artikolu 339(1)(d).

Illi l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni imputazzjoni. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-hoss li sema' Schembri ghamlu l-imputat. Schembri stess ma jghidx bic-certezza rikjesta fil-kamp penali li l-hoss kien ghamlu l-imputat u hadd mix-xhieda okkulari l-ohra ma qalu li l-imputat ghamel xi hoss jew gest iehor li b'xi mod seta' jikkostitwixxi reat ai fini ta' din l-imputazzjoni. Ghall-istess ragunijiet lanqas ma giet pruvata l-ahhar imputazzjoni u cioe dik ta'l-ingurja taht l-artikolu 339(1)(e).

Illi mill-fatti kif fuq esposti jirrizulta ampjament li b'dan l-incident li sehh f'triq publika, fid-9.30 ta' fil-ghaxija, inkiser il-mistrih tan-nies u li kien hemm ksur tal-paci u buon ordni pubblika; konsegwentement l-imputazzjonijiet li jirreferu ghar-reati kontemplati f'l-artikolu 338(m)(r)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizultaw ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra tieghu u cioe dawk li jirreferu ghar-reati prospettati f'l-artikoli 252 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 218(1)(b) u 338(m)(r)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-inputazzjoni indikata fil-paragrafu (a) tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali, u ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet indikati fil-paragrafu (b) ta'l-istess nota u taghhom tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------